# Beati u Qaddisin....Jannar

**Beatu Pietru Donders (Saċerdot Redentorist)**
**1805 – 1887**

**14 ta' Jannar**



Twieled f'Tilburg fil-Brabante ta' Fuq (Olanda). Missieru kien nissieg tas-suf.

Il-familja tieghu kienet fqira u kienu jghix f'dar b'kamra wahda ghall-familja kollha. Minhabba n-nuqqas ta' flus it-tifel kellu jitlaq l-iskola. Xtaq li kieku jsir sacerdot imma

kollox kellu kontra tieghu: il-faqar, sahha delikata u ntelligenza baxxa. Gie rifjutat li joffri s-servizz militari u dan kien ta' vantagg ghalih.

Daħal fis-seminarju, mhux bħala student klerikali – iżda bħala impjegat domestiku; kien jistudja kemm jiflaħ filgħaxija. Ta' 29 sena, kien eventwalment ammess fis-seminarju biex jistudja għas-saċerdozju. Fl-aħħar sena ta' studju tiegħu l-Vigarju Appostoliku ta' Surinam, imsejjaħ bħala l-Guyana Olandiża, żar is-seminarju. Hu ried li s-saċerdoti żgħażagħ imorru hemm. Pietru kien l-uniku wieħed li offra li jmur.

Ta' 32 sena gie ordnat sacerdot. Hames snin wara telaq lejn il-Guyana Olandiża jew Surinam, biex jaħdem fost l-ifqar, fosthom il-lebbrużi.

Bil-paċenzja kollha hu pprova jgħallem lil dawn in-nies il-veritajiet bażiċi tal-fidi, iżda kien milqugħ b'indifferenza, mibegħda u ostilità. Imma hu baqa' jipprietka l-Vanġelju. Bħala kappillan tal-kolonja tal-lebbrużi f'Batavia, fejn ebda qassis ma dam aktar minn tliet snin u fejn wieħed kien ġie maqtul, l-400 lebbruż kienu mingħajr tabib jew infermiera jew xi tip ta' sanità. Ftit kien hemm li seta' jagħmel għalihom. Ipprovdielhom sodod u difen il-mejtin li sab fosthom. Ipprovdielhom l-ikel, iżda l-awtoritajiet irrabjaw fuq dan għax skont huma, l-estenzjoni ta' ħajjithom, kienet iżżid l-ispiża pubblika.

Fis-sena 1866, grupp ta' Patrijiet Redentoristi niżlet f'Surinam biex tgħin lill-erba' saċerdoti tad-Djoċesi li kien

hemm diġà. Mal-wasla tagħhom tnejn mill-erba' qassisin iddeċidew li jirritornaw lejn l-Olanda; it-tnejn l-oħra saru Redentoristi. Pietru Donders kien wieħed minnhom. Bħala Redentorist, Pietru mar jipprietka lill-Indjani nattivi, li fost affarijiet oħra kienu jipprattikaw il-poligamija u jaduraw l-ispirti. Iżda l-Indjani kienu aktar interessati fil-likur milli fil-liturġija. Ipprietka hemmhekk għal 18-il sena bi ftit suċċess u qal: "Hekk għoġob lil Alla, li joffri lill-Indjani li sa issa ġew ittraskurati … il-possibbiltà li jkunu jafuh u jħobbuh. Iżda sfortunatament l-aspettattivi qatt ma seħħew. "

Ħadem ħafna wkoll favur is-suwed li kienu fil-jasar, kif ukoll fost dawk 'selvaġġi', jiġifieri dawk li nġiebu mill-Afrika bħala lsiera imma li rnexxielhom jaħarbu lis-sidien tagħhom u kienu qed jgħixu ħajja mimlija superstizzjonijiet, bla morali u mogħtijin għall-idolatrija, u l-appostolat tiegħu fost dawn ħalla ħafna frott.

Minkejja n-nuqqas ta' progress fl-isforzi appostoliċi kollha tiegħu, Pietru qatt ma tilef il-fidi f'Alla u lanqas fil-vokazzjoni tiegħu. Imma ammetta, madankollu, li l-missjoni tiegħu ma kinitx kif kellha tkun, u żied malajr: "Iżda Alla jista' kollox; Marija, il-kenn tal-midinbin, hija wkoll ommhom; mill-jum li fih Kristu miet, l-erwieħ iridu jinxtraw bid-demm. Mhux li kien nista' nissagrifika ħajti stess, u b'hekk inwassal lin-nies kollha biex isiru jafu u jħobbu lil Alla kif jixraqlu. Imma ħa tkun magħmula r-rieda ta' Alla f'kollox."

Don Pietro kien bniedem ta' talb u penitenza. Kont issibu ta' spiss quddiem Gesu' Sagramentat biex quddiemu jaghmel

siegha adorazzjoni matul il-lejl. Kien jaghmel penitenza billi jorqod fuq it-twavel ta'  l- injam u juza d-"Dixxiplina" mill-inqas darba kuljum.

Fl-aħħar, Pietru Donders tassew għamel sagrifiċċju mill-ħajja tiegħu stess. Wara li ħadem f'Surinam għal 40 sena u laħaq l-età ta' 74 sena, is-superjuri tiegħu ordnawlu jistrieħ. Huwa pprova, iżda mingħajr suċċess. Sa dak iż-żmien hu stess kien sar lebbruż u għalhekk għażel li jirritorna lejn il-kolonja tal-lebbrużi fejn miet u kien midfun fl-1887.

L-appostolat tieghu dam 45 sena fil-Guyana Olandiza. Miet ta' 81 sena fil-kolonja tal-lebbruzi f'Batavia fl-14 ta' Jannar 1887. Matul ħajtu kien diġà jgawdi l-fama ta' qaddis minħabba l-karità kbira tiegħu, u fl-1900, infetħet il-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu li waslet fi tmiemha fl-24 ta' Mejju, 1982 mill-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II.